repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

3 ta' Novembru 2020

**Dott. Anġlu Farrugia**
Speaker
Kamra tad-Deputati
Valletta

Mr Speaker,

Repubblika tesprimi l-inkwiet tagħha wara r-rapport li l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ippublika lbieraħ dwar Membri Parlamentari li huma impjegati mal-Gvern u li allegatament ifallu mix-xogħol minħabba l-ħidma tal-Parlament.

Jidhrilna li l-Parlament Malti għandu janalizza sewwa dan ir-rapport, flimkien mar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar il-karigi jew servizzi kontrattwali li Membri Parlamentari għandhom mas-servizz pubbliku (5 ta' Lulju 2019).

Aħna jidhrilna li ma jistax ikun li pajjiżna jibqa' għaddej b'Parlament part-time.

Ma jagħmilx sens li għandna Gvern full-time, Ġudikatura full-time u imbagħad l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż li tiltaqa' biss għal ftit siegħat fil-ġimgħa u li tieqaf għal xhur sħaħ fis-sajf u għal numru ta' ġimgħat oħra matul is-sena.

Ir-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika jqajjem punti serji ħafna, inkluż li "jidhirli li xi Membri Parlamentari lanqas fehmu x'inhu xogħolhom fil-Parlament" ("Nevertheless, it has become clear to me that some MPs seem to display a total lack of understanding of what constitutes their role in Parliament...") - paragrafu 69, paġna 19.

Kif jistqarr il-Kummissarju, din hija sitwazzjoni li żviluppat mas-snin u aħna ma jidhrilniex li dawn il-Membri Parlamentari, kif ukoll dawk li jingħataw kuntratt jew xogħol mill-Gvern, jagħmlu dan għal motiv illeċitu. Aktarx li hija s-sitwazzjoni ta' bħalissa li qed twassalhom għal dawn l-arraġamenti.

Madanakollu r-riżultat huwa ta' ħsara kbira lid-demokrazija tagħna u jfixkel serjament l-iskrutinju li l-Kostituzzjoni tobbliga lill-Parlament biex jagħmel fuq il-Gvern.

Hija r-responsabbiltà ta' kulħadd, inkluż ta' min hu fdat biex iħares il-Kostituzzjoni, u tal-Parlamentari nfushom, li jindirizzaw dan id-defiċit demokratiku kbir. Nistennew li dawn kollha jimxu skont il-ġurament li ħadu li jħarsu u jiddefendu l-Kostituzzjoni ta' Malta.

55, Triq Melita, il-Belt Valletta, VLT 1120
repubblika.mt@gmail.com

Hija wkoll ir-responsabbiltà tagħna bħala soċjetà ċivili li ma nagħlqux għajnejna quddiem din il-ħsara. Fil-ġimgħat li ġejjin Repubblika ser tressaq il-veduti tagħha dwar il-qagħda tal-Parlament Malti.

Kopja ta' din l-ittra qed tintbagħat lill-Kummissarju għall-Istandards.

**Dr Robert Aquilina**
President

Kopja: Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Il-Prim Ministru
Il-Kap tal-Opposizzjoni